ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

# MINUTI 2

## Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

## IT-TMIEN LEGISLATURA

**Laqgħa Numru 2**

**It-Tlieta, 28 ta' Novembru 2017**

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ltaqgħet fl-Uffiċju Amministrattiv tagħha li jinsab fl-indirizz Bini Gvern Lokali, Triq il-Gvern Lokali, il-Marsa, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Mifsud - Membru
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sinjorina Graziella Galea – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru

**ASSENTI b'APOLOGIJA**

Dr Samuel Azzopardi - Viċi President
Is-Sur Joseph Cordina - Membru.

**UFFIĊJAL PREZENTI**

Isabella Testaferrata De Noto - Segretarja Eżekuttiva

**Minuti**

Is-Sur Mario Fava ippresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.00 ta' filgħaxija.

**2.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

2.1.1 Is-Segretarja Ezekuttiva ipprezentat u qrat l-ittri ta' apologija tas-Sur Joe Cordina u Dr Samuel Azzopardi. Fuq proposta tal-President, is-Sur Fava li giet issekondata mis-Sur Fenech Adami, l-Ezekuttiv aċċetta unanimament dawn l-apoloġiji.

**2.2 Affarijiet relatati mal-Minuti**

2.2.1 Is-Sur Fava talab sabiex l-Ezekuttiv jibgħatu l-artikli tagħhom biex jigu ppubblikati fil-magazin tal-AKL. Fuq proposta tas-Sur Fava li giet issekondata mis-Sur Mifsud, l-Ezekuttiv qabel unanimament li dan il-magazin jigi pubblikat fil gazzetti Torca jew Kulħadd u l-Mument jew in-Nazzjon fix-xahar ta' Diċembru jew f'Jannar.

2.2.2 Is-Sur Fava semma li l-ikla ta' matul il-festi tal-AKL kienet ser issir nhar il-Ħamis, 4 ta' Jannar 2017. Is-Sur Fava semma iċ-ċirkulari 46/2016 fejn l-ispiza għal kull persuna m'għandiex tkun iktar minn €30 kull persuna.

2.2.3 Is-Sur Fava ressaq rapport mħejji mill-EU & International Affairs Consultant, is-Sur Omar Vella dwar il-laqgħat tal-Kumitat tar-Regjuni.

2.2.4 Is-Sur Fava tkellem dwar il-laqgħa li saret mal-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta' fuq il-post tax-xogħol dwar il-multi li rcivew il-kunsilli lokali. Is-Sur Fava qal li dawn il-multi ingħataw peress li l-kunsilli lokali ma għamlux *risk assessment* kif mitlub. Is-Sur Fava qal li kien ġie propost li l-Awtorita' tati taħrig lill-persuni li jigu nominati mil-kunsilli lokali biex tagħmel *risk assessment* fil-kunsill rispettiv tagħhom.

2.2.5 Chev Farrugia qal li kien joggezzjona li l-kunsill lokali jħallsu dawn il-multi.

2.2.6 Is-Sur Fava qal li l-kunsilli lokali huma liberi li jikkontestaw dawn il-multi fuq bazi personali. Is-Sur Fava qal li kienet ser tintbgħat korrispondenza lill-kunsilli lokali sabiex jigu nfurmati b'dan.

2.2.7 Is-Sur Fava semma li waqt laqgħa li saret mar-rapprezentanti s-Sur Joe Attard, GreenMt u l-Inginir Mario Schembri, GreenPak gie diskuss sistemi ġodda komuni ta' *Bring In Sites*. Is-Sur Fava qal li kie gie deciz li dawn il-kumpaniji jressqu rapport bi proposti li jaqblu fuqhom dwar sistemi aħjar ta' gbir ta' skart separat permezz tal-*Bring In Site*. Dan ir-rapport hekk kif jitlesta, kien ser jigi diskuss mal-Assocjazzjoni u l-kunsilli lokali.

2.2.9 Is-Sur Fava semma li kellhu laqgħa mas-Sur George Azzopardi JARS dwar il- progetti li jsiru mill-Gvern Centrali u minn Agenziji peress li wara li jsiru dawn il-progetti mhux qed jgħaddu fondi lill-kunsilli lokali għal manutenzjoni tagħhom. Għalhekk kienu ser isiru sensiela ta' laqgħat biex jigi diskuss progett progett biex tingħata għajnuna lill-kusnilli Lokali.

2.2.10 Is-Sur Fava qal li kienu ġew ordnati *diaries* u *biros* biex jitqassmu matul il-laqgħa tas-Sindki. Kif ukoll inxtraw dekorazzjoni u sigra tal-Milied.

2.2.11 Is-Sur Fava semma li waqt il-laqgħa li kellhu mal-Avukat tal-AKL u Transport Malta ġie deciz li tintbgħat notifika lill-Kumapnija Faces li ser jitterminaw il-kuntratt f'perjodu ta' sena. Is-Sur Fava qal li kien qed jigi diskuss li twaħħil tal-*Bus Shelters* ġodda u l-manutenzjoni isiru minn Transport Malta, filwaqt li reklami jsiru mil-kunsill lokali u dħul mir-riklami fuq il-*Bus Shelters* godda jmorru għand il-kunsill rispettiv.

2.2.12 Is-Sur Fava propona li l-laqgħa tas-Sindki issir fi xahar ta' Frar jew f'Marzu biex jigi diskuss il-pozizzjoni tas-Sindku. Is-Sur Aquilina ssekonda l-proposta tal-President u l-Ezekuttiv qabel unanimament.

2..2.13 Fuq proposta tas-Sur Fava li ġiet isskondata mis-Sur Farrugia, l-Ezekuttiv qabel unanimament li ssir attivita' muzikali fi xahar ta' Dicembru bil-kolloborazzjoni tal-Orkestra St Paul Chamber Ensamble.

2.2.14 Is-Sur Fava propona li jinħatar kumitat adhoc biex l-Assocjazzjoni tressaq proposti dwar it-tribunali lokali. Is-Sur Fenech Adami ssekonda l-proposta u l-Ezekuttiv qabel unanimament.

2.2.15 Tkellem dwar il-laqgħa li saret mal-kumpanija DDE Attard. Is-Sur Fava qal li DDE Attard kien intalab mill-ERA biex isiru testijiet tal-*compost*. Huwa qal li kien talab lill-DDE Attard kopja ta' dawn id-dokumenti.

2.2.16 Sur Fava ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Sur Raphael Scerri fejn l-Assocjazzjoni giet infurmata li ma setgħax isir tibdil fl-applikazzjoni tal-progett AMIF peress li l-progett kien jigi ineligibbli għall-fondi. Is-Sur Fava propona li l-Assocjazzjoni kellha tirtira minn dan il-progett peress li ma kien hemm l-ebda offerenti għad-diversi sejħiet li nħargu għat-tgħalim tal-Ingliz u l-Malti kif stipulat fl-applikazzjoni. Is-Sur Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Ezekuttiv qabel unanimament.

2.2.17 Is-Sur Fava qal li l l-flus li ġew depozitati fil-kont tal-AKL għall-attivitajiet li seħħew fi zmien il-Presidenza kienu ser jigi rifonduti lura lill-Ministeru. Dawn il-kontijiet ma kellhomx jigu ndirizzati lil Assocjazzjoni izda l-ufficcju tal-Presidenza.

2.2.18 Chev Farrugia semma li r-Regjun Xlokk kien ppropona li tintbgħat korrispondenza ta' sfiduċja lil-LESA. Dan għaliex mhux qed jikkoloboraw mal-kunsilli lokali u qed jibgħatu wardens fejn jidħrilhom huma u f'nofs ta' lejl.

**2.4 Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

2.4.1 Fuq proposta ta' Chev Farrugia li giet issekondata mis-Sur Grech, l-Ezekuttiv approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-31 ta' Ottubru sat-28 ta' Novembru 2017 li kienet tammonta għall-ammont ta' €24,802.73.

**2.5 Korrispondenza**

2.5.1 Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar talba mill-Kunsill Lokali sabiex jagħmel ġemellaġġ mal-lokalita' ta' Lubriano fl-Italja.

2.5.2 Inqrat korrispondenza mill-Monitoring Unit dwar għamara li ma jibgħux tajbin għal uzu, fejn l-Assoċjazzjoni tista' tneħħi l-assi b'kull mezz approvat mill-Ezekuttiv u kull tneħħija għandha tiġi rekordjata fil-kotba tal-Assoċjazzjoni. Fuq proposa tas-Sur Fava li giet issekondata mis-Sur Mifsud, l-Ezekuttiv approva li dawn l-assi li ma kienux tajbin għal uzu jintremew.

**2.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

2.6.1 Fuq proposta tas-Sur Fava li giet issekondata mis-Sinjura Galea, l-Ezekuttiv qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 11 ta' Diċembru 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.15 ta' filgħaxija.

I Testaferrata

Isabella Testaferrata De Noto
Segretarja Ezekuttiva

Dawn il-minuti ġew approvat fit-tielet laqgħa tat-Tmien Legislatura li saret it-Tnejn, 11 ta' Diċembru 2017

Mario Fava
President